MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Numru. 671/2004

Il-Pulizija
(Spettur Johan J Fenech)

vs

Francis sive Frank Zahra

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Francis sive Frank Zahra ta' 33 sena, iben Leonard u Clementina nee' Inguanez, imwieled Birzebbugia fit-22 ta' Settembru 1970 u residenti 'Silver', Triq il-Bzulija, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita' numru 386570 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fis-06 ta' Gunju 2004 ghall-habta tat-19:45hrs quddiem il-Kazin tal-Banda ta' l-Iljun, li jinsab fi Triq Birzebbugia, Birzebbugia, volontarjament ikkaguna ferita

ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Marouska Salerno billi ta daqqa ta’ ponn u qasmilha xofftejha u li minhabba fl-istess ferita se ggib sfreggju fuq il-persuna ta’ l-istess Marouska Salerno, skond kif iccertifika Dr. M. S. Caruana MD mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid.

2. Fl-istess post u hin, bi hsieb li jaghmel ferita gravi fuq il-persuna ta’ Susan Buttigieg, wera dan il-hsieb b’ atti esterjuri u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu.

3. Fl-istess post u hin, kiser il-paci pubblika b’ ghajjat, storbju u glied u kiser ukoll il-bon ordni.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 20 ta’ Awwissu 2004 (esebita a fol. 14 tal-process) fejn huwa ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-20 ta’ April 2005 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ fis-6 ta Gunju 2004 quddiem il-kazin tal-banda tal-Iljun li jinsab fi Triq Birzebbugia, Birzebbugia fejn korriet Marouska Salerno. F’dan il-kaz il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti konfliggenti dwar x’effettivament sehh dakinhar tas-6 ta’ Gunju 2004. Iz-zewg xhieda tal-Prosekuzzjoni li kkostitwew ruhhom bhala parti civili f’dawn il-proceduri, u cioe’ Marouska Salerno u Susan Buttigieg, min-naha l-wahda jsostnu li fl-imsemmija gurnata huma kienu

ghaddejjin minn fuq il-bankina ta’ quddiem il-kazin tal-banda tal-Iljun, f’Birzebbugia ghall-habta tas-7.00pm fejn kien hemm xi rgiel bil-qeghda fuq il-barrier tal-hadid ta’ quddiem il-kazin u malli huma ghaddew quddiem dawn l–irgiel l-imputat, li l-imsemmija zewg xhieda it-tnejn identifikaw fl-awla waqt dawn il-proceduri, hareg saqajh u ta gambetta lil Sue Buttigieg u meta iz-zewg tfajliet staqsew x’kienet ir-raguni li huwa ghamel hekk, huwa tefa’ tazza tal-hgieg u laqat saqajn Sue Buttigieg izda din ma wegghatx u huwa imbaghad qabad isawwat l-ewwel lil Marouska Salerno u imbaghad lil Sue Buttigieg li min-naha taghha kienet marret sabiex tghin lil Salerno. Dejjem skond iz-zewg tfajliet Buttigieg marret tigri l-Ghassa ghall-ghajnuna. Marouska Salerno spjegat li hija kellha griehi fuq xoffitha minn fejn kien hiereg hafna demm, kif ukoll barxa fil-gilda fuq dirghajha il-leminija u ferita fuq mohha lejn ix-xellug kif jirrizulta wkoll mic-certifikat mediku esebit a fol. 37 liema certifikat gie rilaxxjat minn Dr. Mariella Caruana li cceritifkat il-griehi bhala ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Din it-tabiba xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta’ April 2007 fejn ikkonfermat il-kontenut tac-certifikat mediku minnha rilaxxjat izda wara li rat lil Marouska Salerno prezenti fl-awla hija qalet li l-ferita li din kellha fuq ix-xoffa ta’ fuq kienet ghadha tidher u f’dak l-istadju hija ghalhekk klassifikat il-griehi sofferti minn Salerno bhala gravi per durata.

L-imputat min-naha l-ohra meta rrilaxxja l-istqarrija esebita a fol. 21 u 22 qal li huwa kien laqat lil wahda mit-tfajliet accidentalment meta dar u dawn inzertaw ghaddejjin minn fuq il-bankina u wahda minnhom bdiet tkellmu hazin u taghtu daqqa ta’ handbag u huwa ghalhekk imbuttaha u hija habtet wicca mal-hajt. Huwa qal ukoll li dak il-hin kellu drink. Meta l-imputat xehed waqt l-udjenza tas-26 ta’ Marzu 2009 huwa qal li l-incident sehh ghall-habta tat-3.00pm meta huwa kien ghadu kemm wasal fuq il-post u kien ghadu ma xorob xejn u huwa qal li kien accidentalment laqat lil Salerno u imbaghad din bdiet tghajru u taghtu daqqa ta’ handbag u sussegwentement tfixklet fil-bankina minhabba li kienet liebsa takkuna u spiccat laqtet wicca ma’ zoklatura li kien hemm fil-hajt. Din il-verzjoni tal-fatti hija kkonfermata miz-zewg xhieda

prodotti mid-Difiza u cioe’ Andre’ Inguanez u John Taylor li t-nejn xehdu waqt l-udjenza tas-26 ta’ Marzu 2009.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga’ ntqal aktar il-fuq il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet kunfliggenti tal-fatti dik ta’ Marouska Salerno u Sue Buttigieg min-naha l-wahda u dik moghtija mill-imputat u minn shabu Andre' Inguanez u John Taylor min-naha l-ohra u l-Qorti trid ghalhekk tara liema wahda miz-zewg verzjonijiet hija l-aktar verosimili. Kif gie oramai stabbilit fil-gurisprudenza nostrana mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja. Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Marouska Salerno u Sue Buttigieg hija kredibbli u konsistenti u korroborata mix-xhieda ta’ PS 853 Frankie Sciberras (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 25 sa 27 tal-process). Il-Qorti min-naha l-ohra rriskontrat divergenzi sostanzjali fil-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat a tempo vergine meta huwa irrilaxxja l-istqarrija u dik moghtija meta huwa xehed fil-proceduri odjerni liema divergenzi igeghluha tiddubita serjament mill-kredibilita’ tieghu. Fl-istqarrija per ezempju l-imputat ghad-domanda jekk huwa kienx xurban jirrispondi li kellu drink mentri meta xehed quddiem din il-Qorti qal li kien ghadu jasal fuq il-post u ma kien ghadu xorob xejn. Fl-istqarrija inoltre huwa jammetti li kien imbotta lil Salerno mentri meta xehed f’dawn il-proceduri huwa qal li Salerno kienet tfikxlet fil-bankina minhabba li kienet liebsa it-takkuna u spiccat sabiex laqtet wicca mal-hajt. Il-Qorti tirrileva f’dan ir-rigward li meta l-imputat irrilaxxja l-istqarrija huwa ma ghamel l-ebda accenn ghal fatt li Salerno kienet tfixklet fil-bankina minhabba t-takkuna u spiccat sabiex laqtet wicca mal-hajt. Irid jigi rilevat inoltre li l-Qorti ma tistghax temmen lill-imputat l-anqas dwar il-hin li fih suppost sehh l-allegat incident ghaliex filwaqt li l-hin tal-incident indikat miz-zewg tfajliet huwa kkonfermat mis-Surgent Frankie Sciberras fejn dan qal li Sue Buttigieg kienet dahlet l-Ghassa titlob l-ghajnuna ghall-habta tal-7.45pm, u cioe’ madwar erba’ sighat aktar tard mill-hin indikat mill-imputat.

Il-Qorti qeda ghalhekk taghzel li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija miz-zewg tfajliet u jidrilha ghalhekk li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 214, 216, 221 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija sospizi ghal perijodu ta' sentejn (2) millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------